

32006R0103

L 17/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

21.1.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 103/2006**ta' l-20 ta' Jannar 2006****li jadotta dispożizzjonijiet addizzjonali għall-applikazzjoni ta' l-iskala Komunitarja għall-klassifika ta' karkassi ta' annimali adulti bovini**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċanga u l-vitella ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1208/81 tat-28 ta' April 1981 li jiddetermina l-iskala Komunitarja għall-klassifika ta' karkassi ta' annimali adulti bovini ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu ta' Artikolu 6 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2930/81 tat-12 ta' Ottubru 1981 li jadotta dispożizzjonijiet addizzjonali għall-applikazzjoni ta' l-iskala Komunitarja għall-klassifika ta' karkassi ta' annimali adulti bovini ⁽³⁾ ġie emendat ⁽⁴⁾ b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.
- (2) Sabiex tassiġura l-klassifika uniformi tal-karkassi ta' annimali adulti bovini fil-Komunità, huwa neċessarju li jsiru tifsiriet ta' klassijiet ta' konformità u klassijiet ta' ħxuna, iktar preċiżi.

- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond il-Kumitat ta' Ġestjoni għal Ċanga u Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-dispożizzjonijiet addizzjonali li jispeċifikaw id-definizzjoni tal-klassijiet ta' konformità u klassijiet ta' ħxuna msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 1208/81 għandhom ikunu kif elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KEE) Nru 2930/81 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar il-20 ta' Jannar 2006.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

⁽²⁾ ĠU L 123, 7.5.1981, p. 3. Regolament kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1026/91 (ĠU L 106, 26.4.1991, p. 2).

⁽³⁾ ĠU L 293, 13.10.1981, p. 6. Regolament kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2237/91 (ĠU L 204, 27.7.1991, p. 11).

⁽⁴⁾ Ara l-Anness II.

ANNEX I

1. KONFORMITÀ

Żvilupp ta' profili ta' karkassi, b'mod partikolari l-partijiet essenzjali (smin, dahar, spalla)

Klassi ta' konformità	Dispożizzjonijiet addizzjonali	
S Superjuri	Round: smin immuskolat ħafna doppju b'kumenti visibili separati Dahar: wiesgħa ħafna u oħxon ħafna, sa l-ispalla Spalla: smina ħafna	Firxiet tan-naħa ta' fuq mmarkati ħafna fuq il-biċċa ta' isfel taż-żaqq (<i>symphysis pelvis</i>) Wirk smina ħafna
E Eċċellenti	Round: smina ħafna Dahar: wiesgħa u oħxon ħafna, sa l-ispalla Spalla: smina	Naħa ta' fuq smina ħafna li tifrex rimmarkabilment sal biċċa ta' isfel taż-żaqq (<i>symphysis pelvis</i>) Wirk smina ħafna
U Tajjeb ħafna	Round: smina Dahar: wiesgħa u oħxon, sa l-ispalla Spalla: smina	Naħa ta' fuq smina tifrex fuq il-biċċa ta' isfel taż-żaqq (<i>symphysis pelvis</i>) Wirk smina
R Tajjeb	Round: żviluppata tajjeb Dahar: għadu oħxon imma anqas wiesgħa fl-ispalla Spalla: kemm xejn żviluppata tajjeb	Naħa ta' fuq żviluppata tajjeb u wirk kemm xejn smin
O Mhux ħażin	Round: żvilupp medju għal żvilupp nieqes Dahar: ħxuna medja għal-ħxuna nieqsa Spalla: żvilupp medju sa' kważi ċatta	Wirk: Profil ta' l-ispalla dritt
P Ħażin	Round: żviluppat ħażin Dahar: dejjaq bl-għadam visibbli Spalla: ċatta bl-għadam visibbli	

2. GRAD TA' KOPERTURA TA' XAĦAM

Ammont ta' xaħam fuq barra tal-karkassa u fil-kavità toraċika

Klassi ta' kopertura ta' xaħam	Dispożizzjonijiet addizzjonali
1 baxx	Ebda xaħam fil-kavità toraċika
2 ħafif	Fil-kavità toraċika il-muskolu jidher b'mod ċar bejn il-qafas
3 medja	Fil-kavità toraċika il-muskolu jidher bejn il-qafas
4 għoli	Il-ħjut tax-xaħam fuq il-qatgħa tonda huma prominenti. Fil-kavità toraċika il-muskolu bejn il-qafas jista' jkun infiltrat bix-xaħam
5 għoli ħafna	Il-qatgħa tonda hija kompletament koperta bix-xaħam, li l-ħjut tax-xaħam mhumiex iktar viżibbli b'mod ċar. Fil-kavità toraċika il-muskolu bejn il-qafas huwa infiltrat bix-xaħam

ANNEX II

Regolament imħassar flimkien ma' l-emenda tiegħu

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2930/81 (ĠU L 293, 13.10.1981, p. 6)
 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2237/91 (ĠU L 204, 27.7.1991, p. 11)

ANNEX III

Tabella Ta' Korrelazzjoni

Regolament (KEE) Nru 2930/81	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
—	Artikolu 2
Artikolu 2	Artikolu 3
Anness	Anness I
—	Anness II
—	Anness III